# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. FRANK G. CAMILLERI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 14 ta Jannar, 2000**

**Numru : 18**

**Citaz. Numru : 305/95 FGC**

**Saviour u Anna Caruana**

**vs**

**Ministru tal-Ambjent u d-Direttur tat-Taqsima tad-Dranagg**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni ta l-atturi li biha, wara li ppremettew:

illi huma proprjetarji tal-fond bl-isem St. Peter House, fi Triq Salvatore Cachia Zammit, Birzebbugia, u peress illi minhabba nuqqasijiet u difetti fis-sistema pubblika tad-dranagg fit-triq imsemmija, f'okkazjonijiet, hareg id-dranagg mit-toilet u mis-shower basin tal-fond imsemmi u kkaguna danni kemm fil-fond kif ukoll fl-oggetti tad-dar taghhom;

u li l-konvenuti, nterpellati ufficjalment fit-28 ta Dicembru, 1994 cahdu r-responsabbilta' tad-difetti u ghad-danni;

**TALBU** li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex :

1. tiddikjara li meta d-dranagg johrog mit-toilet u s-shower basin tal-fond St. Peter House fi Triq Salvatore Cachia Zammit, B'Bugia ikun minhabba difetti u nuqqasijiet fil-komunikazzjoni pubblika tad-dranagg fl-istess triq u fl-area interessata, u

2. tiddikjara li d-danni kollha kkagunati lilhom bil-hrug tad-dranagg fl-imsemmi fond huma responsabbilta' tal-konvenuti;

3. tillikwida l-istess danni; u

4. tikkundanna lill-konvenuti jhallsuhom id-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta Dicembru 1994 kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u n-nota tax-xiehda ta l-atturi;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepew :

1. Illi ma kien hemm u ma hemm ebda nuqqasijiet u difetti fis-sistema pubbliku tad-dranagg fit-triq in kwistjoni;

2. Illi l-probabilita' hija li hemm komunikazzjoni difettuza tat-toilet u s-shower basin fil-proprjeta' tal-atturi mas-sistema pubblika tad-dranagg;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u n-nota tax-xiehda tal-konvenuti;

Rat id-digriet taghha tal-24 ta April, 1996 li bih innominat lill-A.I.C. Joseph Jaccarini bhala perit tekniku biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni peritali tal-imsemmi perit tekniku konfermata bil-gurament fl-udjenza tal-24 ta Gunju, 1998;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

Ezaminat id-deposizzjonijiet;

Ikkunsidrat :

Li l-atturi permezz tac-citazzjoni taghhom qeghdin jippretendu li huma sofrew danni kemm fil-fond proprjeta' taghhom kif ukoll fl-oggetti tad-dar minhabba nuqqasijiet u difetti fis-sistema pubblika tad-dranagg fi triq Salvatore Cachia Zammit, Birzebbuga, fejn jinsab il-fond in kwistjoni, li bhala konsegwenza taghhom, f'okkazjonijiet, hareg id-dranagg fit-toilet u mix-shower basin tal-fond.

Huma, ghalhekk, bl-azzjoni odjerna qeghdin jiccitaw lill-konvenuti biex ihallsuhom id-danni li jigu likwidati minn din il-Qorti wara li ssibhom responsabbli ghall-istess danni kagunati kif gja ntqal.

Ikkunsidrat :

Li l-perit tekniku, wara li acceda fil-fond ta l-atturi, wasal ghall-konkluzjoni li s-sistema tad-dranagg fl-inhawi tal-fond kienet tassew diffettuza u li l-atturi rniexxielhom jippruvaw li l-hsarat li sofrew kienu konsegwenza ta dawn id-difetti fis-sistema pubblika tad-dranagg.

Il-perit tekniku wasal ghall-konkluzjoni ta responsabilta' da parti tal-konvenuti in vista' tas-segwenti konsiderazzjonijiet:

1. Li l-fond ta l-atturi jinsab f'sit li gie konness mas-sistema tad-dranagg fuq fergha fil-bidu taghha li tghaqqad ma 'pumping station' minn fejn id-dranagg akkumulat go 'sump' jittella' permezz ta 'rising main' ghall-fergha minn

fejn id-dranagg jimxi bil-gravita' u johrog ghas-sistema primarja li hemm ghal Birzebbuga.

2. Il-fergha sekondarja li maghha jinsab konness il-fond ta l-atturi ghandha "invert levels" pjuttost baxxi, kif jidher tajjeb mir-ritratti tal-manhole (Ritratt No 2 u Ritratt No 3 - fol. 46 u 47) li giet miftuha waqt l-access, u minhabba il-fatt li din il-fergha qeghda vicin tal-bahar x'aktarx li l-gradient li hemm huwa wiehed li jippermetti ftit qlib.

3. It-triq hija wahda li ghandha qlib kuntrarju ghall-fergha bir-rizultat li l-ewwel manhole, cioe' dik li nfethet waqt l-access, qeghda fil-parti l-baxxa tat-triq; mentri l-"pumping station" u l-"manholes" l-ohra jinsabu f'pozizzjoni ghola minnha. Dan ifisser li, f'kaz ta "build-up", id-dranagg imur lura u johrog fl-iktar livell baxx li, f'dan il-kaz, irrizulta li kien is-"sanitary fittings" li hemm fil-fond tal-atturi.

4. In-natura tas-sistema tad-dranagg li giet adottata kienet tirrikjedi li l-fond tal-atturi jkun protett kontra kull eventwalita'. Ma rrizultax li kienu nghataw xi direzzjonijiet lill-izviluppatur tal-bini mid-dipartimenti governattivi u, anki kieku dawn gew moghtija, l-istess dipartimenti kellhom l-obbligu li tali direzzjonijiet jigu esegwiti taht is-sorveljanza taghhom biex ikunu soddisfatti li tali okkorenza ta 'back-flow', ghalkemm remota izda possibbli, ma tikkagunax hsara ambjentali jew fis-sahha pubblika, kif ukoll danni simili ghal dawk li sofrew l-atturi.

Din il-Qorti, wara li kkunsidrat li hawn si tratta minn opinjoni esklussivament teknika u, dippiu', fejn il-parti nteressata ma pprevalietx ruhha mill-fakulta' lilha moghtija ta talba ghan-nomina ta periti addizzjonali, qeghda taqbel mal-konkluzjoni peritali bazata kif inhi fuq il-konsiderazzjonijiet li ghadhom kif issemmew u tikkonkludi li bejn id-difetti riskontrati mill-perit fis-sistema pubblika tad-dranagg ezistenti fl-inhawi tal-fond tal-atturi w id-danni rizultanti hemm in-ness ta kawza u effett u li, ghalhekk, ir-responsabbilta' ghal dak li gara lill-atturi

ghandha tigi addossata fuq il-konvenuti li sostnew, fil-kors tal-kawza, li din is-sistema tad-dranagg ma kien fiha l-ebda difetti.

Ikkunsidrat :

Li l-perit tekniku, waqt l-access tas-17 ta Ottubru, 1996, seta' jikkonstata li l-hsara li sofrew l-atturi kienet fil-mobbli tal-kamra tas-sodda. Din il-hsara, skond l-attur, saret meta d-dranagg kien far mit-toilet u mix-shower wara maltempata li waqtha kien mar is-'supply' tal-elettriku fil-lokal.

Fil-fehma tal-perit, dan in-nuqqas ta "supply" ta l-elettriku gab mieghu waqfien fil-'pumping station' li hemm fl-vicinanzi u li maghha hija konnessa l-fergha sekondarja tad-dranagg li fiha l-kumunikazzjoni tad-drains tal-fond tal-atturi u, in konsegwenza ta dan, id-dranagg hareg mill-vaska tal-W.C. u innonda l-flat 'l fuq mil-livell tal-qatran u l-mobbli tal-kamra tas-sodda assorbew l-ilma u b'hekk il-materjal li huwa tal-'fibre board' simen specjalment fil-partijiet li jmissu ma l-art.

L-attur xehed li huwa kien ha stima minghand l-istess ditta li kienet hadmet din l-ghamara u din taghtu valutazzjoni fis-somma ta erba' mija u ghaxar liri (LM410) ghat-tiswija ta din l-ghamara u riedet is-somma ta erbghin lira (LM40.00) ghat-trasport. Kopja ta din l-istima tinsab esibita bhala "Dok. SC1" (fol. 49).

Il-perit tekniku, in bazi ghal din l-istima li ma gietx kontestata bl-ebda mod, ghadda biex jillikwida d-danni sofferti mill-atturi f'din is-somma, cioe' fl-ammont ta erba' mija u hamsin lira (LM450.00).

Din il-Qorti qeghda taqbel ukoll ma din il-likwidazzjoni u, ghalhekk, qeghda taghmilha taghha.

Ghal dawn il-motivi :

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi, prevja adozzjoni tar-rapport peritali, u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, **tilqa' t-talbiet attrici** u hekk (1) tiddikjara li meta d-dranagg hareg mit-toilet u s-shower basin tal-fond ta l-atturi dan gara minhabba difetti u nuqqasijiet fil-komunikazzjoni pubblika tad-dranagg, senjalati fl-istess rapport peritali; (2) tiddikjara li d-danni sofferti mill-atturi kif inghad ghandhom jirrispondu ghalihom il-konvenuti; (3) tillikwida dawn id-danni fis-somma ta erba' mija u hamsin lira (LM450.00) u (4) tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu lill-atturi s-somma ta erba' mija u hamsin lira (LM450.00) hekk likwidata bhala danni.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-konvenuti.

D/REG